# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Gunju 2002

Rikors numru 126/01 AJM

Kawza numru

Jumbo Bags Limited

Vs

Il-Kontrollur tad-Dwana.

Il-Qorti,

Rat ir-rikors presentat mis-socjeta' Jumbo Bags Limited fejn qed toggezzjoni ghall-ittra ufficjali mibghuta lilha mill-intimat in konnessjoni mal-hlas ta' Dazju u Taxxa fuq il-Valur Mizjud u notifikata lilha fis-17 ta' Jannar 2001, liema dazju u VAT gew mitluba nkwantu merkanzija li timporta s-socjeta' rikorrenti u li hi ezenti mid-dazju nkwantu din terga tigi esportata, allegatament inbieghet Malta. L-ammont reklamat jammonta ghas-somma ta' sitt elef mija u erba' liri maltin (LM6104.00).

Fil-mori tal-proceduri u wara li saru konteggi bejn il-kontendenti rrizulta li kien hemm ammont dovut mis-socjeta' rikorrenti ghalkemm f'ammont ferm ridott. Il-partijiet ghalhekk waslu fi ftehim dwar dan u sar il-hlas

effettiv fl-ammont ta' elf sitt mija erba' u tmenin lira maltin (LM1,684.00).Fl-udjenza tad-29 ta' April 2002 il-partijiet ghalhekk infurmaw lill-Qorti li l-meritu kein ezawrit u talbu li tinghata sentenza fuq l-kap tal-ispejjes billi ma kienx intlahaq ftehim dwar dan.

Ikkunsidrat:-

Ir-rikorrent qed isostni li huwa ma ghandux jbati spejjes billi rrizulta li l-kalkoli originali tal-intimat kienu zbaljati u ghalhekk ma kellhomx jittiehdu dawn il-proceduri. L-intimat izda qed isostni li hu ma ghandux jbati spejjes billi qatt ma setghu jsiru l-kalkoli billi r-rikorrent, ghal diversi snin, naqas li jipprovdi dokumentazzjoni.

Ezenzjoni minn hlas tad-dazju huwa dritt moghti lic-cittadin meta jkkonkorru diversi fatturi li jiggustifikaw tali ezenzjoni bhal meta, fil-kaz sotto ezami, l-merkanzija impurtata tkun intenzjoni ghal "re-export" wara li tinhadem hawn Malta. F'dak il-kaz jsir kontrol rigoruz fuq l-merkanzija importata u dik ri esportata sabiex jigi certifikat li ebda parti minn dik il-merkanzija li dgawdi l-ezenzjoni mit-taxxa u l-VAT tkun verament reget harget mill-pajjiz. Din l-ezenzjoni ghalhekk timporta certa obbligi fuq l-importatur, principalment li (a) jassikura li ebda parti minn dik il-merkanzija tigi negozjata fuq is-suq lokali u (b) li dan jghati l-informazzjoni kollha mehtiega lid-dipartiment koncernat sew tal-merkanzija li reget harget minn Malta u, f'kaz li xi parti minnha tkun, ghal xi raguni jew ohra, inbieghet fuq is-suq lokali, li mhux biss javza lid-dipartiment izda li jghati l-informazzjoni kollha necessarja sabiex jigi komputat l-ammont dovut inkwantu l-ezenzjoni ma tkunx ghada ssehh. Jidher li s-socjeta' rikorrenti mhux biss ma infurmatx lid-dipartiment bil-fatt li ddisponiet minn parti mill-merkanzija ezenti mid-dazju fuq

is-suq lokali, tali ukoll, wara diversi interpellazzjonijiet, naqset ukoll li tforni d-dokumentazzjoni necessarja sabiex issir l-komputazzjoni tad-dazju u VAT dovut.

Illi ghalhekk jidher li kien in-nuqqas tas-socjeta' rikorrenti li waslet ghal dawn il-proceduri billi kieku pprovdiet d-dokumentazzjoni necessarja, kif effettivament gara waqt dawn il-proceduri, ma kienx jkun hemm il-htiega li jigu istitwiti dawn il-proceduri.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija filwaqt li ma tiehux aktar konjizzjoni tal-mertu tar-rikors billi dan illum huwa ezawrit, tordna li l-ispejjes jithallsu mis-socjeta' rikorrenti.

Onor Imhallef Albert J. Magri